MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2011

Numru. 82/2006

**PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**
**VS**
**WESSEN MOHAMMED ESOURMANI**

Il- Qorti

Rat l-imputazzjoniet migjuba kontra Wessen Mohammed Esourmani ta’ 30 sena, iben Mohammed u Nifik nee’ Nifik, imwieled nhar il-25 ta’ Mejju 1975, Benghazi, residenti Flat 4 Vassallo Triq il-Kurat Schembri Mosta u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 32765(A).

1. Illi huwa akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, fit-25 ta’ Jannar 2006 f’xi hin bejn nofs in-nhar u l-hamsa ta’ filghaxija, gewwa l-Mosta dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta’ Alexia Portelli f’periklu car, wera dan il-

hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi prova jifga lil Alexia Portelli;
2. Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi hebb ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Alexia Portelli hekk kif iccertifika Dr. Patrick Farrugia;
3. Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi hedded lil Alexia Portelli bi kliem;
4. Illi huwa akkuzat ukoll talli bejn il-20 u 25 ta' Jannar 2006 f'xi hin gewwa l-Mosta hedded lil Alexia Portelli bi strument li jaqta' u bil-ponta;
5. Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm u garr strument bil-ponta;
6. Illi fl-ahhar huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess arma regolari cioe mus minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Alexia Portelli tapplika l-provvediment ta' Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artiklu elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qrti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal tas-17 ta' Marzu 2008 fejn l-imutat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda tas-Surgent 1096 Edmond Cushieri rrizulta illi l-kwerelanti Alexia Portelli kienet ghamlet rapport illi l-partner taghha cioe l-imputat Wessen Mohammed Esourmani kien sawwatha b'mod salvagg. Portelli nfurmat

lill-pulizija waqt illi hija kienet qed tiehu z-zewg t'itfal l-iskola l-imputat iltaqa' maghhom fit-triq il-boghod u pprova jtajjarhom bil-karozza tieghu JBA 834. Illi hija rnexxielha tahrab b'uliedha u marret id-dar. Gara li l-imputat kien wasal qabilha, ta' xeba daqqiet ta' ponn fuq il-parti ta' wara ta' rasha mbaghad permezz ta' imhadda pprova jifgahha in oltre wadbilha mug tal-kafe illi Alexia Portelli giet medikata fil-Mosta Health Center u Dr Grixti rrilaxxa certifikat ta' grihi ta' natura gravi. L-imputat gie arrestat huwa qal li kellu argument mal-mara tieghu, illi kien anzjuz il ghaliex kellu missieru l-isptar u tilef rasu, l-okkorrenza giet ezebita bhala Dok PS. L-ispettur Theresa Sciberras ikkonfermat ix-xhieda tas-surgent u qalet li Alexia Portelli qaltilha li l-imputat kien kisser mug, “qabadha minn xaghra u beda jaghtiha bil-ponn fuq widnejha x-xellugijja” Portelli stqarret mal-pulizija illi rega' attakka fis-salott qabad cushion u beta jipprova jdahhalha f'halqa. Illi wara dan huwa hareg u sakkarha gewwa hija rnexxilha ssib l-ispeki tal-bieb u marret ghand il-pulizija Portelli qalet ukoll illi xi jiem qabel l-imputat kien gheddidha b'xi flic knife l-istqarrija tal-imputat giet ezebita bhala Dok TS1 waqt illi c-certifikat mediku gie ezebit bhala TS2 li fih Dr Grixti ccertifika grihi ta' natura gravi waqt li Dr Farrugia fic-certifikat TS3 ikklassifika l-grihi bhala slight save complications PC210 Salvatore La Crasta kkonferma x-xhieda tas-surgent 1096. Alexia Portelli a fol 35 partner tal-imputat xhedet is-segwenti “jien ma nixtieq nghid xejn ghax nixtieq nahfirlu” ara xhieda a fol 35. Fix-xhieda segwenti taghha hija kkonfermat illi l-imputat sawwatha bil-ponn, li sakkarha gewwa, ikkonfermat illi kien jgheddidha b'mus tant illi gieli qabdet u hbittullu u kkonfermat ukoll l-incident ta' kif ipprova jdahhlilha l-imhadda f'halqha. Alexia Portelli xhedet illi r-ragel taghha kien irrabjat ghaliex kien ghamel bicca xoghol lill-kugin taghha u kellu jiehu ftit anqas minn LM2000 (elfejn lira) minghandu u dan baqa' ma halsux u ppretenda li Portelli tmur ghand kuginuha u ggiblu l-flus.

Fit-tieni xhieda taghha a fol 55 hija stqarret illi kienet remiet l-cushion u l-mus inkwistjoni PC 300 Alfred Abela kkonferma x-xhieda tas-Surgent 1096 u kkonferma l-istqarrija tal-imputat.

Dr Raymond Grizti a fol 71 permezz ta' affidavit ikkonferma c-certifikat mediku TS2 rigwardanti griehi ta' natura gravi u cioe:

"***Il-pazjenta kellha ugiegh ta' ras specjalment 'temporal area' x-xellugija u fl-'occiput area'. Kellha demm niexef mal-widna x-xellugija. Kellha wkoll hmura u ugiegh fuq iz-zewg hugbejn.***

***Il-pazjenta qalet li ntilfet minn sensieha ghal xi minuta jew tnejn, il-pazjenta allegat li giet imsawtha minn zewgha. Hija intbaghatet l-isptar ghal aktar kura u attenzjoni***."
Ara fol 71
WPC 213 Janette Grima a fol 89 xhedet li l-imputat ma kellux licenzja biex igorr jew izomm arma tan-nar.

Spettur Theresa Sciberras a fol 91 u 92 ezebit il-fedina penali tal-imputat.

Dr Raymond Grixti a fol 99 ikkonferma l-awtenticita' tac-certifikat mediku TS2 u l-kontenut tieghu u t-trawma illi l-kwerrelant kienet sofriet f'widintha u f'rasha.

PC 47 Chris Frendo kkonferma x-xhieda tal-membri tal-pulizija illi accediet fid-dawl ta' Portelli biex jaghtuha assistenza u kkonferma l-okkorrenza ezebita.

Dr Patrick Farrugia tabib fl-emergenza ta' Saint Lukes ikkonferma li kien ezamina lil Alexia Portelli li kellha ugiegh fuq il-parti ta' wara ta' rasha u ta' widintha xellugija illi wara li ttiehdu diversi x-rays irrizulta li ma kienx hemm ksur jew fratturi. Ikkonferma wkoll illi t-tambur tal-widna x-xellugija ta' Portelli ma kienx mifquh minkejja illi kien hemm xi demm niexef. L-anqas ma kien hemm problemi ta' smiegh. Kien ghalhekk illi c-certifika l-griehi bhala dawk ta' natura hafifa.

L-imputat ikkonferma bil-gurament l-istqarrija li huwa kien ghamel mal-pulizija a fol 138 u 139 izda nnega li huwa ghamel cushion ma' halq il-partner tieghu u li gheddidha

b’sikkina. Ikkonferma pero illi “tghajtha daqtejn, il-verita’ nghidha” ara fol 139.

Difiza: ***“issa inti ghadek ma din il-mara.***
Imputat: ***“le din il-mara kienet ma iehor, kellha iehor u imbaghad harget pregnant u mbaghad kellha baby minghandu u mbaghad tlaqtha jiena. Jien issa llum il-gurnata mizzewweg... iz-zewwigt Maltija u ghandi tifla wkoll.”***
(Ara fol 140)

Ikkunsidrat:

Fl-Artikli tal-Avukat Generali a fol 128 jirrizulta illi l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat giet mibdula f’attentat ta’ feriti gravi. Di piu l-imputat gie ukoll mixli li ssekwestra lil Alexia Portelli.

Il-Qorti se tghaddi biex tezamina l-akkuza ta’ attentat ta’ feriti gravi ai tenur tal-Artikli 41, 214, 216(1) (a) (i)(ii) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Skond il- gurisprudenza nostrali sabiex tisussisti attentat ta’ ferita gravi, l- prosekuzjoni trid tipprova l- intenzjoni specifika li tikkaguna offiza ta’ natura gravi u mhux bizzejjed intenzjoni generika li wiehed iwegga lil dak li jkun. **(Ara Pulizija Vs Alfio Attard APP KRIM deciza 31 ta’ Lulju, 2008 per MH Joseph Galea Debono u Pulizija Vs Francis Cuschieri deciza 15 ta’ Jannar, 2009 APP KRIM per MH Joseph Galea Debono a fol 11).**

Infatti l- Qorti ta’ l- Appell Kriminali irriteniet is- segwenti :

**“kienet korreta l- ewwel Qorti meta qalet li biex jissustixxi r- reat ta’ tentattiv ta’ offizi gravi jehtieg li tirrizulta intenzjoni specifika li tigi ikkagunata tali offiza gravi u mhux biss intenzjoni generika li twegga lil dak li jkun, pero tali intenzjoni specifika tista tigi dezunta mic- cirkostanzi bhal ma huma x- xorta ta’ l-arma li tkun intuzat.”**

**Ara Pulizija (Spettur Carlo Ellul) Vs Saviour Xerri deciza 24 ta Frar, 2010 APP KRIM per MH Galea Debono a fol 6.**

Infatti fis-**sentenza "Il-Pulizija – Spettur Carlo Ellul vs. Saviour Xerri**, l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-Sentenza taghha deciza fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar elfejn u ghaxra (2010) per Imhallef Galea Debono irreteniet is-segwenti:

"***Kif dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana, jistghu jirrizultaw cirkostanzi li jikkonvincu lill-gudikant sal-grad tac-certezza morali, fejn l-offiza li tkun irrizultat tkun ta' natura hafifa, li l-intenzjoni tal-aggressur ma kienetx biss dik li jikkaguna offiza ta' natura hafifa jew intenzjoni generika li jikkaguna xi xorta ta' offiza, imma wahda specifika li jikkaguna offiza ta' natura gravi. Hawnhekk tkun ipotizzabbli l-imputazzjoni tat-tentattiva ta' offiza gravi fuq il-persuna.***

***Din il-Qorti taqbel mal-appellant li normalment min jaqbad strument jaqta' w bil-ponta bhal ma huwa mus, biex jaghti bih ikollu intenzjoni li jferi serjament lil dak li jkun u mhux biex jaghmillu xi girfa superficjali. Hu minnu li f'dan il-kaz il-ferita kienet fil-parti inferjuri, pero' huwa risaput li anki f' dik il- parti jkun hemm blood vessels bhal arterji jew vini principali, nervituri w sistema ta' muskoli li, jekk jigu perforati jew imcarrta, jistghu facilmet iwasslu ghal konsegwenzi ferm serji. Kienet korretta l-Ewwel Qorti meta qalet li biex jissussisti r-reat ta' offiza gravi jinhtieg li tirrizulta intenzjoni specifika li tigi kagjonata tali offiza gravi w mhux biss intenzjoni generika li twegga' lil dak li jkun, pero' tali intenzjoni specifika tista' tigi dezunta mic-cirkostanzi bhal ma huma x-xorta tal-arma li tkun intuzat. Tista' wkoll tigi dezunta minn natura tal-ferita innifisha. Altru girfa superficjali bhal dik kagjonata minn min ikun qed ixejjer b'mus aktar biex ibezza' jew biex izomm l-avversarju tieghu 'l***

***boghod minnu w altru "stab wound" kif irrizulta f'dan il-kaz."***

Fil-kaz in ezami, din il-Qorti hi tal-fehma illi ragel illi jaqbad lill-persuna ta' sess feminili jaghtiha xeba daqqiet ta' ponn f'rasha u widnejha tant illi beda hiereg id-demm minn widnejha u jsegwi dan l-attakk bit-tqeghid ta' imhabba f'wicc l-istess mara tant li ghal ftit mumenti ntifet minn sensieha (ara dok TS2) huma provi cari bizzejjed illi juru ntenzjoni specifika sabiex jikkawza grihi ta' natura serja mmens. Dan l-attakk sfrenat fuq mara sar wara insegwitu ta' tgheddit permezz ta' arma cioe mus. Jirrizulta pero mix-xhieda ta' Dr Patrick Farrugia illi furtunatament ghall-kwerelanti in segwitu ta' ezaminazzjonijiet ulterjuri l-griehi tal-istess kwerelanti gew ikklasifikati bhala dawk ta' natura hafifa.

Il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-akkuza ta' sekwestru illegali ai terminu tal-Artikoli 86 u 87(1)(c). L-imputat fl-istqarrija tieghu dok TS1 u xhieda tieghu quddiem din il-Qorti xhed illi qabad ic-cwievet tal-partner tieghu u l-mobile taghha bi zball u ghax kien mghaggel.

Illi l-Qorti taraf illi ma tista' taghti ebda kredibilta' lil tali testemonjanza. Dan qieghed jinghad  in vista tax-xeba li l-imputat lil kwerelanti ftit sekondi qabel u tal-fatt illi l-imputat jammetti fl-istqarrija tieghu illi gabar **iz-zewg settijiet tac-cwievet flimkien ma l-mobile tal-kwerlanti u mhux sett cwievet uniku.** Il-Qorti kienet tifhem dan l-izball kieku l-imputat qabad sett wiehed ta' cwievet u nzerta illi kienu tal-kwerelanti. Il-Qorti taghraf li ma kien ebda zball meta l-imputat gabar ic-cwievet tieghu, dawk tal-partner tieghu u l-mobile taghha. Il-Qorti anzi taghraf illi l-imputat kellu kull intenzjoni illi wara x-xeba illi kien ta' lill-partner tieghu ihalliha msakra fl-appartament taghha minghajr mezz ta' kif tghajjat ghall-ajjut jew assistenza.

Il-Qorti pero ma tistax ma tikkonsidrax fl-ghoti tal-piena l-fatt illi Alexia Portelli hafret lill-imputat. Il-Qorti rat ukoll illi wara din il-mahfra l-imputat izzewweg banda ohra.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti issib l-imputat mhux hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u cioe dik ta' attentat ta' omicidju li minnha tilliberah, izda hati tal-akkuzi kif delinejati fl-Artikli tal-Avukat Generali b'assorbiment ai fini ta' piena tat-tielet u r-raba' akkuza fl-ewwel akkuza u wara illi rat Artikli 41, 214, 216 (1) (a) (i) (ii) u 217, 86, 87(1)(c), 221, 251, 339(1)(b)(d)(e)(l)(i) 28A, 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artiklu 6, 55, 56, 56, 61, skeda III tat-Taqsima II tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija sospiza ghal erbgha snin.

Il-Qorti in oltre tohrog Protection Order kontra l-imputat u a favur il-kwerelanti bil-kondizzjoni li l-imputat ma jimmolestax lill-kwerelant u dana ghal perjodu ta' tlett snin mid-data ta' din is-sentenza u dana wara li l-Qorti hadet inkonsiderazzjoni il-motivazzjonijiet kontenuti f'Artikolu 412C(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti haded inkonsiderazzjoni l-gravita tar-reati migjuba kontra l-imputat, tal-fedina penali tieghu u l-fatt illi l-kwerelanti kienet hafret lill-imputat fil-mori tal-kawza.

Il-Qorti spjegat lill-imputat il-konsegwenzi ta' sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------